# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru : 221/2020 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**FD**

**vs**

**VD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' FD datat 17 ta' Lulju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Mejju 1971 fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Marija il-Gudja.*

*Illi il-partijiet isseparaw minn xulxin b'kuntratt ippublikat fl-atti Nutar Dottor Carmelo Lia tas-7 ta' Frar tas-sena elf disa mija u disghin (1990), kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi minbarra li ilhom hafna snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

*Illi mill-istess kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, jidher li huma ma ghandhom ebda pendenza ma' xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw li l-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u fic-cirkostanzi ghalhekk mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett illi a tenut tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smigh tal-partijiet kif mahsub l-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-Partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunal Civili sabiex f'terminu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' VD (vide fol 18), li permezz taghha ddikjarat:

*" Li biha filwaqt li taqbel mat-talbiet rikorrenti, tiddikjara li ma hemm l-ebda pendenza bejnha u bejn ir-rikorrent u ghalhekk ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jinghata d-divorzju fil-konfront tal-partijiet;"*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**FD** xehed bil-gurament (vide fol 19) illi huwa zzewweg lil VD fl-20 ta' Mejju 1971 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fis-sena 1990 u li minn din id-data sallum ma kienx hemm rikonciljazzjoni u lanqas hemm ebda tama tal-istess. Ghal rigward il-manteniment, huwa ddikjara illi kien ghamel xi zmien ma jhallasx manteniment peress li ma kienx qed jahdem u ftiehem ma' D illi jghaddilha l-arretrati li kien hemm. Ikkonferma illi dawn l-arrettrati jammontaw ghal tmintax-il elf (€18,000) u ftehmu li jghaddilha ghoxrin elf (€20,000), liema somma giet mghoddija lilha seduta stante permezz ta'*bank draft*.

**VD** xehdet bil-gurament (vide fol 21) fejn ikkonfermat u kkollaborat ma dak li xehed zewgha FD. Ghal rigward il-manteniment hi kkonfermat illi l-*Bank draft* li ghaddilha zewgha f'seduta stante kien ikopri l-arretrati tal-manteniment u li gialadarba nghatat l-*Bank draft* ma kellha ebda oggezzjoni ghad-divorzju.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 1971 bic-certifikat numru 1256/1986 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, datat 7 ta' Frar 1990 (vide Dok. B fol 9 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment thallsu permezz ta' *Bank draft* f'ammont ta' ghoxrin elf euro (€20,000) f'seduta stante.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg bic-certifikat numru 1256/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati**

**sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**